# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum 29 ta' Settembru 2020**

Appell numru 37 tal-2020

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Paul BORG**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-30 ta' Jannar 2020 fil-konfront ta' Paul BORG detentur tal-karta tal-identità bin-numru 150562M fejn ġie mixli:

   Talli nhar it-tmienja (8) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) ghal habta ta' 18.40 hrs fi Triq il-Madonna tal-Hniena, Zejtun:

   (1) Ikkagunajt biza li ser tuza vjolenza kontra Sandra Borg jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti ta' l-imsemmija persuna, ahwa subien jew bniet, jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) (Kap 9 Artikolu 251B(1));

(2) Insulentajt jew heddidt lil Sandra Borg jew jekk jont provokat, ingurjajt b'mod li hrigt mill-limitu tal-provokazzjoni (Kap 9 Artikolu 339(1)(e)).

Il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' Sandra Borg jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku skond il-provvedimenti tal-Art 383 Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant, rat il-Liġi senjatament Artikoli 251B(1), Art 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, rat l-akkużi u semgħet ix-xhieda mressqa quddiemha, stqarret illi :

Illi fir-rigward tal-ewwel akkuza, kif sew argumenta l-abbli avukat tad-difiza l-ligi tirrikjedi 'a course of conduct' (fit-test Malti tintuza l-kelma mhux daqshekk felici 'l-imgieba') u mhux sempliciment att wiehed izolat.

Illi dan il-course of conduct jista' jkun f'gurnata wahda u mhux bilfors irid ikun mifrux fuq tul ta' zmien. Anzi, jekk l-azzjonijiet ikunu qrib xulxin, aktar jista' wiehed jinstab hati taht dan l-artikolu tal-ligi.

Illi fil-fehma tal-Qorti jissussti dan il-course of conduct peress illi kien hemm zewg attijiet separati, ftit sekondi l'boghod minn xulxin, konsistenti f'agir li qajjem biza fil-parte civile illi ser tintuza vjolenza kontrija.

Illi fir-rigward ta' piena, il-Qorti ma tistax ma tissenjalax illi l-agir tal-imputat huwa wiehed ta' stmerrija u ghandu jigi meqjus ta' natura serja mhux l-anqas ghaliex qeghdin nghixu fi zminijiet fejn il-vjolenza, morali u fizika, kontra l-mara qeghda kull ma tmur dejjem tizdied, b'konsegwenzi koroh fuq il-fibra morali tal-istess socjeta'. Il-Qorti pero thoss illi ghal din id-darba biss ghanda tapplika l-provvedimenti tal-Art 28A tal-istess Kap 9 sabiex tissospendi s-sentenza karcerarja li sejra timponi.

Illi fir-rigward tat-tieni akkuza, mill-atti jidher li l-imputat gie notifikat bic-citazzjoni fis-16 ta' Jannar 2020. Din l-akkuza hija kontravenzjonali u ghaldaqstant stante illi l-allegat reat sehh fit-8 ta' Settembru 2019 din hija milquta bil-preskrizzjoni ta' tlett (3) xhur.

3. Għal dawn il-motivi l-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni kif miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena karċerarja ta' tlett (3) xhur liema piena pero ġiet sospiża għal perjodu ta' sentejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti ħarġet ukoll Ordni ta' Protezzjoni taħt l-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 kontra l-imputat a favur Sandra Borg għall-perjodu ta' erba' (4) snin taħt il-kundizzjonijiet elenkati fl-istess Ordni illi għandha tagħmel parti minn din is-sentenza.

4. Illi minn din is-sentenza Paul BORG interpona appell permezz ta' rikors datat 18 ta' Frar 2020 fejn talab li s-sentenza tiġi riformata fil-parti fejn sabitu ħati u ċioe' l-ewwel (1) imputazzjoni hawn fuq imsemmija billi tiġi mħassra u revokata u konsegwentement l-appellant jigi liberat skond il-liġi u tirrevoka għal kollox l-ordni ta' protezzjoni, u alternattivament u mingħajr prejudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, tħassarha fil-parti tal-piena billi minflok tiġi imposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li saħaq is-segwenti: -

   Illi **l-ewwel aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti :-

   Illi kif ser jirrizulta waqt il-mori tal-Appell, il-Prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reati addebitati lill-esponent u l-prova migbura mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il'boghod mill-piz tal-prova rikjest mill-ligi u cioe dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u dana qed jinghad ghar-rigward tal-htija tal-imputat li per konsegwenza hija 'unsafe and unsatisfactory'.

   Illi minghajr prejudizzju ghall-aggravju precendenti **it-tieni aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi ghalkemm l-Ewwel Qorti qablet mad-Difiza tal-imputat dwar in-necessita' ta' course of conduct hija iddipartixxiet mit-tifsira tal-istess u tatha tifsira ghal kollox limitata u li ma traggiex fic-cirkostanzi kif ser jigi spjegat f'dan l-istess aggravju.

Kif inghad fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti qablet ma' dak li qalet id-difiza dwar 'course of conduct' tant li qalet hekk :

'Illi fir-rigward tal-ewwel akkuza, kif sew argumenta l-abbli avukat tad-difiza l-ligi tirrikjedi 'a course of conduct' (fit-test Malti tintuza l-kelma mhux daqshekk felici 'l-imgieba') u mhux sempliciment att wiehed izolat.'

L-isess Qorti stess irrikonoxxiet u waslet ghal konkluzjoni illi l-allegati zewg konkluzjonijiet kienu biss ftit sekondi il'boghod minn xulxin tant illi enfasizzat dan it-temp qasir ta' ftit sekondi ghal darbtejn fis-sentenza taghha kif ser jigi riportat hawn taht:

'..**Ftit sekondi wara** waqt li l-parte civile kienet fl-istess triq qeghda taqsam l-imputat dawwar il-vettura tieghu, reggha waqaf hdejha u kellu bastun u beda jhares lejh u lejha u wara ftit baqa' sejjer' (Enfasi mizjuda).

'Illi fil-fehma tal-Qorti jissussisti dan il-course of conduct peress illi kien hemm zewg attijiet separati, **ftit sekondi l'boghod minn xulxin**, konsistenti f'agir li qajjem biza fil-parte civile illi ser tintuza vjolenza kontrija' (Enfasi mizjuda).

Illi fil-verita' din il-verzjoni hija wahda bir-rispett kollu irragonevoli u dana anke fid-dawl tas-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ippreseduta mill-Onor. Imhallef Dr Edwina Grima LL.D (Appell Nurmu 192/2017 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Ahmad Yassine':

'L-imputazzjonijiet huma cari, fis-sens illi dak li gie migjub iwiegeb ghaliha Ahmed Yassine huwa ghall-allegat incident illi sehh fl-24 ta' Novembru 2016 fil-17.30 PM f'data wahda u hin wiehed - it-tnejn specifici hafna. Manar Yassine stess xehdet fuq dan l-allegat incident partikoarli u korrettement indikat id-data 3 u l-hin tal-24 ta' Novembru 2016 fil-17.30 PM bhala d-data u l-hin tla-allegat incident partikolari u korrettament indikat id-data u l-hin tal-24 ta' Novembru 2016 fil-17.30 PM bhala d-data u l-hin tal-allegat incident li wassal ghal imputazzjonijiet odjerni. B'rizultat tar-rapport imressaq minn Manar Yassine, l-imputat gie akkuzat li proprju f'dik id-data u l-hin partikolari, huwa kien (i) ta fastidju fil-konfront ta' Manar Yassine; u (ii) kkagunalha l-biza kontemplata fl-Artikolu 251B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Imbaghad, b'rabta mall-ewwel zewg akkuzi, zdiedet dakinhar tas-seduta, akkuza dwar (iii) ksur ta' Ordni ta' Protezzjoni datata 25 ta' Frar 2016.'

Dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet jinghad illi huwa maghruf (u jezistu ghadd ta' sentenzi tal-Qrati li jghidu hekk - ara fost l-ohrajn 'Il-Pulizija vs Jason Grech' - 27 ta; Frar 2012, u 'Il-Pulizija vs Raymond Parnis' - 24 t'April 2009) illi biex imputazzjonijiet taht l-Artikolu 251 iwasslu ghal htija, wiehed necessarjament irid jipprova dak li hu spiss imsejjah bhala a course of conduct. Allegat avveniment wiehed f'data u hin specifici ferm ma jistghu qatt iwasslu taht htija taht wiehed mill-arikoli succitat. Inghad fis-sentenza succitata li 'incident wiehed **(i per di piu ta' minuti)** ma jammontax ghal course of conduct ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1) u b'hekk, htija taht imputazzjoni bhal din derivanti minn allegat incident f'hin wiehed partikolari ma tista' qatt tinstab. Dan japplika wkoll ghal artikolu 251A. Din l-Onorabbli Qorti kellha kemm il-darba l-opportunita' li tidhol fid-dettall dwar dan il-punt u allura, l-esponenti ma jhossx illi ghandu ghaliex jissottometti aktar dwar dan. Biss, jinghad illi kkunsidrata l-ispecificita' tad-data u l-hin tal-imputazzjonijiet, l-Ewwel Qorti kellha sempliciment tqis illi l-allegati fatti rakkontati ma setghu qatt iwasslu ghall-htija tal-akkuzi kif dedotti nkwadrati fl-artikoli citati u l-imputat kellu, ghaldaqstant, jigi liberat minn dawn iz-zewg imputazzjonijiet' (enfasi mizjuda).

L-insenjament ta' din is-sentenza imur ferm lil hinn minn dak li qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza hawn appellata - fis-sens illi fis-sentenza hawn citata li inghatat proprju f'Jannar ta' din is-sena dina l-Onorabbli Qorti qalet car u tond illi incident wiehed (u per di piu' ta' ftit minuti) ma jammontax ghal course of conduct ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Fis-sentenza hawn appellata l-Ewwel Qorti accennat ghal 'ftit sekondi wara' kif fuq citat waqt illi fis-sentenza tal-appell hawn fuq riferita dina l-Onorabbli Qorti sabet illi l-incident per di piu' ta' ftit minuti ma jammontax ghal course of conduct.

Illi minghajr prejudizzju ghall-aggravji precedenti **t-tielet aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Ma gie ppruvat l'ebda biza' li gie ezercitat tant illi l-istess parte civile marret fejn il-karozza u ttawwlet mit-tieqa ta' l-istess karozza biex tara skond hi l-bastun. Huwa inkoncepibbli kif bniedem li suppost huwa imbezza' tieqaf karozza magenbu u minflok jitlaq jigri jew jaqsam mall-genb ihares minn got-tieqa ta' l-istess karozza u tallega kif ratu ihares lejha u lejn il-bastun.

Illi minghajr prejudizzju ghall-aggravji precedenti **ir-raba' aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi jirrizulta wkoll illi fic-cirkostanzi l-piena kienet wahda eccessiva.

*Ikkunsidrat: -*

5. Illi nhar it-8 ta' Settembru 2019 il-kwerelanta rrapurtat ġewwa l-għassa taż-Żejtun li kienet ġiet insulentata minn żewġha, l-appellant. In oltre żiedet tgħid illi għall-ħabta tas-18:40 ġewwa it-Triq tal-Madonna tal-Ħniena, Żejtun, ħdejn ir-residenza tagħha li jinstab fl-istess triq bin-numru 143, hi rat vettura ta' lewn Blu tal-għamla BMW u bin-numru ta' reġistrazzjoni EBM536, misjuqa minn żewġha fejn hu avviċinha u għajjarha b'kelma dispreġġattiva u baqa' sejjer.

6. Wara filwaqt illi hi kienet miexja fl-istess triq, hi ratu jerġa jdur fejn hu waqaf ħdejha u kellu bastun u beda jħares lejn il-bastun, umbgħad lejha u saq minn fuq il-post mill-ġdid.

7. Hi nfurmat l-Għassa wkoll illi hi l-appellant kellu ordni ta' protezzjoni viġenti kontra tiegħu fil-konfront tagħha. Saru diversi tentattivi sabiex jikkuntattjaw lill-appellant li madankollu rriżultaw fin-negattiv.

8. Sussegwentement nhar id-19 ta' Settembru 2019, l-appellant attenda l-Għassa, fejn wara li ġie mitkellem, hu spjega illi kien qiegħed fit-triq in kwistjoni sabiex jissorvelja lil bintu, li fiż-żmien in kwistjoni kellha 16-il sena.

9. Konsegwentement l-appellant tressaq il-Qorti kif imsemmi aktar il-fuq.

*Ikkunsidrat: -*

10. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

11. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

12. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

13. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

14. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,*** 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

15. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*.

16. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

17. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi

każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

18. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

19. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

20. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

21. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **<u>ma teħtieġx</u>** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

22. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, *sure* fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.* Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

23. Fil-każ Ingliż ***Majid,***[7] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

24. Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence,*** Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

25. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell

---

[6] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Peralta*** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

26. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

27. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-*best evidence rule*, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.

L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.

Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[9]

28.In oltre u aktar reċentement fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Cyrus Engerer,*** il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi :

Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.[10]

---

[9] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.
[10] Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia.

29. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanti ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

30. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża ***Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino*** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (*demeanour*) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had

> an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

*Ikkunsidrat: -*

31. Illi in suċċint l-appellant jisħaq illi hu ma setax jinstab ħati tal-ewwel imputazzjoni kif miġjuba kontra tiegħu minħabba li din ma ġietx pruvata sal-grad rikjest mill-Liġi minħabba nuqqas ta' suffiċjenti ta' provi.

32. Apparti minn hekk jisħaq li l-Qorti tal-Maġistrati kienet żbaljata fl-interpretazzjoni mogħtija minnha relattivament għat-tifsira tal-element tal-'*course of conduct*' illi huwa element meħtieġ sabiex ir-reat taħt l-artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali jitqies integrat. F'dan il-każ, dan l-element kien għal kollox mankanti.

33. Jgħid ukoll illi anki jekk din il-Qorti tkun tal-fehma illi dan l-element jitqies pruvat, xorta waħda ma ġiex ippruvat illi l-*parte ċivile* beżgħet mill-allegat komportament tal-appellant formanti l-mertu tal-inċidenti f'dan il-każ.

34. Finalment u alternattivament jisħaq ukoll illi l-piena mposta fuq l-appellant kienet waħda eċċessiva fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

*Ikkunsidrat: -*

35. Jibda biex jingħad illi l-ewwel imputazzjoni tirreferi unikament għad-data tat-8 ta' Settembru 2019 mingħajr ma testendi għal jiem,

ġimgħat jew xhur ta qabel. Din il-Qorti taqbel li biex jitqies integrat ir-reat taħt l-artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali jrid jiġi pruvat *course of conduct* in kwantu wieħed mill-elementi ta dar-reat.

36. Il-Qorti tal-Maġistrati qieset li *course of conduct* jista' jiġi żviluppat anke f'data unika għalkemm f'aktar minn episodju wieħed li jkunu ftit ħin il-bogħod minn xulxin. Skontha, hekk ġara f'dan il-każ.

37. Mill-provi jirriżulta illi l-inċident allegat seħħ għall-ħabta ta' bejn is-sitta u nofs u s-sebgħa nieqes kwart ta' filgħaxija tat-8 ta' Settembru 2019. Inizjalment l-appellant allegatament insulta lill-parte ċivile; u ftit tal-ħin wara, reġa' dar lura bil-vettura misjuqa minnu fl-istess triq fejn kienet il-parte ċivile, hu avviċinha għal darb'oħra bl-istess vettura. Skont il-parte civile l-appellant kellu bastun fil-karozza u kif għadda minn ħdejha huwa beda jħares lejn il-parte ċivile filwaqt li beda jħares ukoll lejn dan il-bastun. Din il-Qorti fehmet li b'dan il-ġest l-appellant bħallikieku ried jindika li hu kellu x-xewqa li jagħmel ħsara fisika lill-parte ċivile b'dak il-bastun.

38. Dawn l-istanzi seħħew biss ftit ħin minn xulxin - sekondi jew l-iktar minuta jew tnejn il-bogħod minn xulxin. Fiż-żewġt episodji l-parte ċivile baqgħet miexja u injorat lill-appellant, allavolja meta' xehdet jidher illi kienet ħassitha iffastidjata minn dan il-komportament, stante li dan l-aġir kien diġà seħħ preċedentement f'ċirkostanzi oħrajn u separati minn dan il-każ.

*Ikkunsidrat : -*

39.Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, l-appellant għandu raġun. Il-parametri temporali tal-imputazzjonijiet huma ċirkoskritti b'data, ħin u lok li huma speċifiċi ħafna. Din il-Qorti taqbel ma' dak deċiż fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Raymond Parnis*** tal-24 t'April 2009 fir-rigward ta' dak li tfisser il-frażi *course of conduct* fejn intqal is-segwenti : -

> Dan kollu – u cioe` dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions." L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…" (sottolinear ta' din il-Qorti). Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008:
>
> *'How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…'*

40.Jiġifieri, skont ***Parnis***, mhux eskluż li f'ġurnata partikolari jkun hemm għemil li jwassal għal *course of conduct* inkriminat; iżda f'każ li jkunu inċidenti multipli li jkunu seħħew fl-istess jum, il-Prosekuzzjoni trid tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li dak li seħħ kjarament ma jkunx ritenibbli bħala inċident waħdieni u isolat u dan peress li fil-Blackstone stess jingħad li *the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous.*

41.F'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni xliet lill-appellant li kkommetta r-reat de quo fit-8 ta' Settembru 2019 għall-ħabta ta' 1840. "*Għall-ħabta*" hija frażi ġenerika li tati ċerta latitudni in kwantu ma torbotx mal-ħin b'mod preċiż. Iżda mill-banda l-oħra toħloq diffikulta meta l-Qorti tiġi biex tiddeċiedi jekk l-episodji li jkunu seħħew ikunux distakkati minn xulxin biżżejjed b'mod li jkunu jistgħu jitqiesu bħala żewġt inċidenti separati u distinti minn xulxin u li għalhekk kumulattivament juru l-iżvilupp u manifestazzjoni ta' kodiċi ta' kondotta partikolari li tkun issawret fuq medda ta' żmien; jew inkella jkunux episodji formanti parti minn inċident wieħed b'intervall qasir bejn episodju u ieħor tal-istess inċident, li pero jkunu mifruxa fuq spazju ta' ħin piu' o meno limitat.

42.F'dan il-każ din il-Qorti ma tqisx li l-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kienu tali li jistgħu jiġu meqjusa li jifformaw *course of conduct*, jiġifieri episodji distakkati minn xulxin biżżejjed li jistgħu jitqiesu bħala żewġt inċidenti separati u distinti minn xulxin u li

għalhekk kumulattivament juru l-iżvilupp u l-eventwali manifestazzjoni ta' kodiċi ta' kondotta partikolari li tkun issawret fuq il-medda ta' żmien li ġiet imputata lill-appellant.

43. Naturalment li kieku l-Prosekuzzjoni xliet lill-appellant fuq medda ta' żmien itwal allura kien ikun aktar possibbli għall-Qorti tal-Maġistrati li tistħarreġ l-imġieba tal-appellant fuq medda itwal ta' żmien u tinkludi episodji oħra li jkunu seħħew bejn il-partijiet. Kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez*** tal-21 ta' Ġunju 2007 :

> Ghalkemm ovvjament f' din il-kawza mhux kompitu ta' din il-Qorti li tesprimi gudizzju fuq dak li gara f' okkazzjonijiet precedenti jew sussegwenti ghad-19 ta' Marzu, 2006, ghaliex l-appellant mhux akkuzat bihom, f'kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien. Kien biss ghalhekk li ppermettiet lil Decesare li tixhed fuq dak li gara qabel u anki dak li seta' gara wara u anki fil-mori ta' dan l-appell.

44. F'dan il-każ jirriżulta li kien hemm diġa inċidenti separati li kienu jinvolvu lill-appellant u lil parte civile preċedentement u dan jirriżulta kjarament mill-fedina penali tal-appellant kif ukoll mix-xiehda tal-parte civile.

45. Il-parte civile tixhed li kien hemm xi inċident ieħor li seħħ fil-25 t'Awissu u li dwaru sar rapport fl-Għassa taż-Żejtun fejn qalet li l-appellant ħareġ jagħti fuq il-karozza tagħha u jgħajjat "*ħierġa l-qaħba u dawn l-affarijiet*". Inoltre, l-parte civile saħqet li għamlet sajf *ma nistax nohrog mid-dar ghax jew ipparjat il-pjazza, jew ipparkjat in-naha l-ohra, jew ipparkjat. Ma tistax toqghod bih;* iżda xorta waħda jibqa' l-fatt li l-Prosekuzzjoni għażlet li tixli lill-appellant b'data waħdanija,

u b'lok u ħin partikolari u mhux b'sensiela t'inċidenti li jmorru lura għal diversi jiem, ġimgħat u xhur u dan meta l-Pulizija xliet lill-appellant biss bir-reat de quo limitatament għal dak li seħħ fit-8 ta' Settembru 2019 għall-ħabta ta' 1840.

46. Iżda irrispettivament minn dan kollu, anke jekk, *gratia argomenti*, jiġi konċess li setgħa kien hemm *course of conduct* bl-imġieba tal-appellant, jibqa' l-fatt li r-reat li bih ġie mixli l-appellant kien dak ta' meta oħrajn jibżgħu li se tintuża vjolenza kontrihom taħt l-artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali u mhux reat ieħor ta' fastidju.

47. Dan qiegħed jingħad mhux biss għaliex il-Qorti tal-Maġistrati ma kellhiex biżżejjed provi sabiex issib lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni minħabba r-raġunijiet elenkati fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Ahmad Yassine*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta u li saret referenza għaliha mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu. Iżda aktar importanti minn hekk minħabba l-fatt li ma ġiex ippruvat suffiċjentement sal-grad rikjest mill-Liġi li, jekk il-parte civile kellha titwemmen f'dak li stqarret, l-imġieba tal-appellant kienet tali li minħabba fiha l-parte ċivile ħassitha mbeżża' matul iż-żewġ episodji rapportati minnha.

48. Fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Raymond Parnis*** tal-24 t'April 2009 din il-Qorti diversament presjeduta kienet ċitat ukoll lil Blackstone, fejn jingħad hekk : -

> D's conduct must cause the complainant to fear that violence will be used against him; it is not sufficient for it to frighten the complainant as to what might happen (Henley (2000) Crim LR 582; Caurti v DPP (2002) Crim LR 131). It is always a question of fact (Caurti and R (Simon Howard) v DPP

(2001) EWHC Admin 17) and, whilst it can sometimes be inferred from the evidence, there should, if possible, be direct evidence from the complainant (R vs DPP (2001) Crim LR 396; Cuarti)....the prosecution must prove that the conduct in quesiton was targeted at an individual, that it was calculated to produce the conseqences described in s 7 of the Act (alarming the person or causing the person distress) and that it was both oppressive and unreasonable (see Haque at (70)-(73))'.[11]

49. Jiġifieri biex tkun tista' tinstab reita taħt dan l-Artikolu, il-Qorti trid tqis il-mod kif l-allegata vittma tkun tħossha minħabba l-komportament ta' min ikun qed jikkometti r-reat fil-konfront tagħha jew tal-familjari jew tal-propjeta' tagħha.

50. Fil-fehma ta' din il-Qorti, għal massimu, din il-biża tista' b'xi mod titqies preżenti, anke jekk sa ċertu punt fuq livell ipotetiku, biss fir-rigward tat-tieni episodju, ċjoe fejn il-parte civile tagħmel riferenza għall-bastun li l-appellant allegatament kien qiegħed iġorr fil-vettura misjuqa minnu. Il-parte civile fl-ebda ħin ma tikkonferma pożittivament li hija ħassetha mbeżża' bl-imġieba tal-appellant la meta seħħ l-ewwel episodju, la meta seħħ it-tieni episodju u l-anqas bħala riżultat taż-żewġt episodji magħquda flimkien. Mill-mod kif xehdet il-parte civile donnu li hija aktar ħassitha fastidjata aktar milli mbeżża'. Tant hu hekk li meta seħħ l-ewwel episodju u l-appellant għadda bil-karozza minn ħdejha u għajjarha "li.." hi qalet hekk:

> insomma. Jiena ma tajtx kaz u bqajt ghaddejja. Dawn l-affarijiet kienu ilhom sejrin xhur jigifieri. Insomma. Jiena bqajt miexja, rega' dar, ma kellu l-ebda raguni ghalfejn jerga' jdur. Rega' dar biex rega' gie ezatt hdejja bil-karozza ezatt mieghi u kellu bastun hekk, m'ghandux bzonn bastun biex jimxi. Thares lejh qisek dan ghalik gibtu u I mean ghamilt sajf ma nistax nohrog mid-dar ghax jew ipparjat il-pjazza, jew ipparkjat in-naha l-ohra, jew ipparkjat. Ma tistax toqghod bih....U zgur li ttawwalt fil-karozza tieghu.

[11] Blackstone Criminal Practice, 2015, Oxford, Section B2.186, pg. 297.

> Kien qieghed ezatt hdejja u beda jaghmel hekk biex zgur nara l-bastun li ghandu biex minghalih ibezzaghni. Hu bully. Hu ragel bully.

51. Kwantu għall-ewwel episodju fejn l-appellant għajjarha "li..", hi l-anqas biss jidher li kkalkulatu għax tgħid bl-aktar mod ċar li ma tatx kasu u baqgħet miexja fi triqitha. Naturalment setgħet ħassitha inġurjata b'dak li qalilha u fil-fatt kwerelatu għal dan. Iżda kien fir-rigward tat-tieni episodju l-parte civile tgħid li l-bastun kien fil-karozza misjuqa mill-appellant f'post li setgħet tarah b'mod ċar u li bih l-appellant kien **<u>mingħalih</u>** li se jbeżżagħha bih. **<u>Mingħalih li se jbezzagħha</u>** u mhux li effettivament beżżagħha bih.

52. Jiġifieri anke jekk dawn iż-żewġt episodji jiġu, *gratia argomenti*, meqjusa li jsawru *course of conduct*, il-kwistjoni jekk ir-rabta ta' dawn l-episodji flimkien bejniethom u fl-isfond ċirkostanzjali ta' kif seħħew kienux tali li joħolqu biża fil-parte civile li se tintuża vjolenza fuqha, stando max-xiehda tal-parte civile stess, tirriżulta li hija fin-negattiv. Il-fattispecie, semmai, kienu aktar jinkwadraw ruħhom f'reat ieħor u mhux dak ta' meta oħrajn jibżgħu li se tintuża vjolenza kontrihom.

53. Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li in bażi għall-provi prodotti f'dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx leġittimament u raġonevolment issib lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

## *Decide*

Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell ta' Paul BORG, billi : -

(a) tikkonferma dik il-parti tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fejn iddikjarat it-tieni imputazzjoni bħala preskritta u għalhekk l-appellant ġiet liberat minn tali imputazzjoni;

(b) tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant ġie misjub ħati tal-ewwel imputazzjoni u kkundannat għall-piena ta' tliet xhur priġunerija sospiżi għal perjodu ta' sentejn ai termini tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll fejn inħarġet ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali;

(c) u minflok, għar-raġunijiet imsemmija aktar il-fuq, issib lill-appellant mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u b'hekk tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija, piena u konsegwenza.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***